MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1618/2000/1

**Mary Cassar**

**vs**

**Victor Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fl-1 ta' Awissu 2000 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Lulju, 1969 minn liema zwieg huma kellhom sitt itfal, illum kollha maggorenni ghajr ghal Rena Cassar li ghandha sittax-il (16) sena;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' swat, mohqrija, eccessi, sevizzi w ingurji gravi, b'mod li

llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment stante inkompatabbilta` tal-karattru bejniethom.

Illi b'digriet moghti fit-22 ta' Gunju, 1999, u debitament ipprorogat, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba swat, mohqrija, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut u inkompatibblita` tal-karattru;

(2) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenut m'ghandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

(3) Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Rena Cassar tibqa' fdata f'idejn l-attrici;

(4) Tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita mill-Qorti, ghall-attrici u ghall-minuri Rena Cassar u dan taht dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti.

(5) Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta’ l-**artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan fejn applikabbli.

(6) Tordna li l-attrici tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ghad eskluzzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi biex tigbor il-provi fil-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 9 fejn gie eccepit:-

1. Illi mhuwiex minnu illi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' swat mohqrija eccessi, sevizzi u ingurji gravi.

2. Illi l-eccipjent dejjem gab rispett lejn l-attrici, u ma ghamel xejn min-naha sabiex dan iz-zwieg jitkisser irrimedjabbilment u sal-lum ma riedx illi jissepara minn ma martu pero` din min-naha taghha, minn zmien l'hawn, iddecidiet li trid tissepara minn ma zewgha ghal ragunijiet li taf hi li pero` mhux gustifikati.

3. Illi jekk allura dan iz-zwieg, illum tkisser irremedjabbilment dan gara biss minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-attrici kif jigi spjegat fil-mori ta' din il-kawza u ghalhekk din il-Qorti ghandha tichad l-ewwel talba kif dedotta fic-citazzjoni u tiddeciedi billi tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici.

4. Illi ghall-istess raguni l-Qorti ghandha tichad t-tieni eccezjoni u tiddeciedi billi, filwaqt li xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, tiddikjara li l-istess attrici ma ghandhiex dritt fuq l-istess akkwisti.

5. Illi l-Qorti ghandha tichad ukoll it-tielet talba attrici u tiddeciedi illi tafda l-kura u l-kustodja ta' Rena Cassar f'idejn iz-zewg partijiet.

6. Illi stante illi z-zweg tkisser unikament ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-attrici, l-konvenut ma ghandux ihallas l-ebda manteniment lill-attrici. L-anqas ma ghandu

jhallas manteniment lill-minuri Rena stante li din illum tahdem u taqla’ paga tajba.

7. Illi l-Qorti ghandha tichad ukoll il-hames talba attrici kif ukoll is-sitt talba attrici u ghar-ragunijiet fuq eccepiti tordna lill-konvenut jibqa’ jabita fid-dar matrimonjali ghad eskluzzjoni tal-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 10 u 11 tal-process;

Rat il-verbali tas-17 ta’ Settembru 2001, tat-2 ta’ Novembru 2001, tat-22 ta’ Frar 2002, tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju peress li ma sar xejn, u ddifferiet il-kawza *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-27 ta’ Mejju 2002 u d-digriet tal-Qorti fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-27 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-attrici b’terminu ta’ 40 jum u Dr Beppe Fenech Adami rrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut.

Rat in-nota tal-attrici tat-13 ta’ Jannar 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess (fol 22 sa 29).

Rat il-verbal tad-19 ta’ Frar 2003 fejn Dr Frank Cassar ghall-attrici prezenti ddikjara li m’ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-attrici tal-25 ta’ Frar 2003 (fol 32).

Rat il-verbal tat-8 ta’ April 2003 fejn Dr Ellul ghall-attrici ddikjara li t-tifla llum saret maggiorenni u talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta’ Mejju 2003.

Rat in nota tal-attrici tal-14 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha prezentat dikjarazzjoni mahruga mill-*employer* tal-konventut (Dok RS1).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Mary Cassar** qalet is-segwenti fatti:

*“BACKGROUND DWAR IZ-ZWIEG*

*1. Jiena zzewwigt lil Victor Cassar fis-6 ta' Lulju, 1968. Minn dan iz-zwieg twieldu sitt itfal, ilkoll maggorenni. Ghadd hemm tlett itfal ighixu d-dar, Emanuel li ghandu tletin (30) sena, Christine li ghandha 29 sena u Rena li ser taghlaq 19-il sena.*

*RESPONSABBILTA GHAS-SEPARAZZJONI*

*2. Zewgi minn dejjem kien jixrob pero' ma kienx jiehu l-kwantita. Dan sakemm beda jkollna t-tfal. Malli twieldet it-tifla l-kbira, zewgi zied fix-xorb tant li kien jispicca fis-sakra kwazi kuljum. Aktar ma beda jkollna tfal, aktar beda jzid fix-xorb. Mhux hekk biss izda huwa beda jitlef il-kontroll meta jkun fis-sakra b'mod li beda jerfa' jdejh fuqi. Ta' spiss kont incempel lil Pulizija ghall-assistenza.*

*Minkejja kollox jiena bqajt ma' zewgi peress li dak iz-zmien ma konniex nisseparaw facilment. Mhux biss izda ghalkemm jiena dejjem xtaqt li nghix hajja ahjar, jiena qatt ma sibt support minghand xi hbieb jew familjari. Ghalhekk kont naqta' qalbi li nitlaq mid-dar b'sitt itfal, anke peress li jiena ma kelliex flus. Zewgi kien ighaddili Lm30 nhar ta' Sibt biex nixtri x-xirja ghal tmien min-nies, u Lm2 bhala bonus.*

*Nghid ukoll li jiena ma xtaqtx naghti ezempju hazin lill-uliedi.*

*3. Aktar ma beda jghaddi z-zmien is-sitwazzjoni aktar aggravat. Darba minnhom tani daqqa ta' flixkun tant li qasamli mniehri (Dok. A). Dan kien xi erba' snin ilu. Zewgi beda jkisser l-affarijiet god-dar jgarali l-oggetti meta jkun fis-sakra. Letteralment bdejna nibzghu noqghodu god-dar mieghu. Fuq kollox zewgi kien izomm l-imwies u s-skiken u jheddidna bihom. Spiccajna bil-pulizija kwazi kuljum id-dar. Zewgi beda jiddahhal l-Isptar Monte Carmeli ta' spiss minhabba l-problema ta' xorb li ghandu.*

<u>*PROCEDURI GUDIZZJARJI*</u>

*4. Kien ghalhekk li fl-1998 f'perjodu meta zewgi kien l-Isptar Monte Carmeli, jiena ddecidejt li nibda l-procedura ghas-separazzjoni. Permezz ta' digriet moghti fit-22 ta' Gunju, 1999 mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, zewgi gie ordnat ihallasni Lm35 fil-gimgha rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' Lm20 bhala manteniment ghalija u kwantu ghas-somma ta' Lm15 bhala manteniment ghat-tifla Rena li dak iz-zmien kienet ghadha minorenni (<u>vide Dok. B</u>). Mhux biss izda l-Qorti ordnat li jiena nibqa' nghix god-dar matrimonjali. Il-Qorti kienet lesta li tirrevedi din il-posizzjoni meta zewgi jiehu l-kura necessarja u jigi certifikat mit-tabib kuranti tieghu li jinsab imfejjaq.*

*5. Xi zmien wara zewgi pprezenta rikors, biex jidhol lura god-dar pero' il-Qorti kienet cahdet din it-talba peress li c-certifikat li pprezenta r-ragel mahrug fit-30 ta' Gunju, 1999 (Dok. C) kien ighid "at present his mental state is stable and he is mentally fit to testify in court" u mhux li kien imfejjaq mill-problema tal-alkohol.*

*6. Peress li bqajna ma wasalniex ghal separazzjoni bonarja fl-1 ta' Awwissu, 2000 jiena pprezentajt din il-kawza. Fil-21 ta' Settembru, 2000, zewgi bl-ghajnuna tat-tifel Vincent rega' dahal lura d-dar u dan kontra l-ordni tal-Qorti. Wara li jien ipprezentajt rikors biex jitkecca mid-dar,*

*il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda, ordnat li zewgi jibqa' fid-dar.*

*<u>SITWAZZJONI FIL-PREZENT:</u>*

*7. Illum il-gurnata jiena u zewgi u t-tlett itfal li semmejt aktar 'il fuq ghadna qed nghixu fl-istess dar. Zewgi qatawlu saqajh wahda, pero' ghamlulu sieq ohra. Huwa perfettament mobbli tant li jmur ghax-xoghol b'tal-linja. Ghalkemm zewgi m'ghadux jixrob id-dar u m'ghadux ikisser, huwa xorta wahda kontinwament jghajjarni. Huwa jaghmel minn kollox biex jipprovokani. Fil-fatt ihalli l-affarijiet mahmugin warajh biex idejjagni. Jiena sal-lum ghadni ma tlaqtx mid-dar peress li m'ghandhiex fejn immur noqghod.*

*<u>MANTENIMENT:</u>*

*8. Jiena qed nircievi Lm151.67c0 fix-xahar minghand id-Dipartiment tal-Public Cleansing, liema flus jinqatghu direttament mis-salarju ta' zewgi. Huwa jahdem bhala watchman ma' dan id-Dipartiment u ghandu paga bazika ta' Lm313 fix-xahar, apparti l-bonuses, hdud u festi.*

*9. Dwar is-servizzi fid-dar nghid li zewgi qed ihallas il-kera tad-dar fl-ammont ta' Lm182 fis-sena, filwaqt li l-kont tad-dawl u tal-ilma kien qed jithallas permezz ta' pagamenti ta' Lm30 kull wiehed mit-tfal u minn zewgi. Dan peress li l-arretrati telghu ghal xi Lm400. Dwar is-servizz tat-telefon zewgi ghandu servizz ghalih li juzah hu biss. Imbaghad it-tfal ghandhom telefon ghalihom.*

*<u>ASSI MATRIMONJALI:</u>*

*10. Bhala assi ahna ghandna l-kirja tad-dar matrimonjali 64, Flat 4, Triq ix-Xitwa, Qormi. Din hija kera minghand id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u kif ghidt qed inhallsu kera ta' Lm182 fis-sena. Sa ftit zmien ilu konna qed inhallsu Lm110 fis-sena.*

*11. Fid-dar hemm is-segwenti mobbli li nxtraw minna fiz-zwieg:*

*Kamra tas-sodda. Kamra tal-ikel. Gwardarobba, sodda u gradenzina. Zewg televisions. 4 stereos, video recorder. fadal ftit fajjenza.  Zewg washing machines (Wahda inghatat lili bhala karita minghand is-Super One, u l-ohra hallastha bin-nifs).  Cooker u fridge.*

*Hemm ukoll zewg kmamar tas-soddd li huma proprjeta tat-tfal.*

*12. Flus il-bank m'ghandniex u lanqas karozza.*

*PROPOSTA GHAS-SEPARAZZJONI*

*Manteniment: Nibqa' nircievi Lm151.67c0, flimkien ma' nofs il-bonus li jircievi zewgi. Dan l-ammont jizdied skond l-gholi tal-hajja.*

*Assi Matrimonjali:  Il-Qorti tiddeciedi dwar min ghandu jiehu d-dar matrimonjali.  Zewgi jiehu l-ghamara kollha, wiehed mit-televisions, erba' stereos, video recorder, cooker u l-fridge; filwaqt li jiena niehu wiehed mit-televisions, il-fajjenza, u l-washing machines."*

Illi permezz ta' **nota prezentata mill-attrici fil-25 ta' Frar 2003** hi ghamlet ukoll is-segwenti proposti ghas-separazzjoni taghha mill-konvenut:

Manteniment: L-esponenti tibqa' tircievi Lm151.67c0, flimkien ma' nofs il-*bonus* li jircievi l-konvenut. Dan l-ammont jizdied skond l-gholi tal-hajja.

Assi Matrimonjali: Il-kirja tal-fond *64,* Flat 4, Triq ix-Xitwa, Qormi, tinqaleb fuq isem l-esponenti u tibqa' tabita f'dan il-post wahedha ghad eskluzzjoni ta' zewgha.

Il-konvenut jiehu l-ghamara kollha li jinsabu f'dan il-fond, wiehed mit-televisions, erba' stereos, video recorder, cooker u l-fridge; filwaqt li l-esponenti tiehu wiehed mit-televisions, il-fajjenza u *l-washing machines.*

Il-konvenut baqa' ma ressaq ebda provi dwar l-allegazjonijiet tieghu.

## (II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni istitwieta mill-attrici, u mill-provi prodotti, li bl-ebda mod ma gew ikkontestati, jirrizulta li l-konvenut kellu problema kbira ta' xorb waqt l-istess zwieg, li kawza tal-istess kien hati verso l-attrici ta' swat, mohqrija, eccessi, sevizzi, w ingurji gravi, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, stante li l-konvenut kien il-kawza unika tal-istess separazzjoni ghar-ragunijiet hawn indikati u dettaljati mill-affidavit tal-istess attrici.

Illi l-assi matrimonjali jikkonsistu fil-kirja tal-fond 64, Flat 4, Triq ix-Xitwa, Qormi, bil-kera ta' Lm182 annwalment lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, kamra tas-sodda, kamra tal-ikel, gwardarobba, sodda u gradenzina, zewg *televisions*, 4 *stereos*, *video recorder* u fadal ftit fajjenza. Zewg *washing machines* (Wahda inghatat lill-attrici bhala karita minghand is-Super One, u l-ohra thallaset mill-attrici bin-nifs), *cooker* u *fridge*.

Illi din il-Qorti tassenja l-kirja tal-istess fond 64, Flat 4, Triq ix-Xitwa, Qormi, bil-kera ta' Lm182 annwalment lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali lill-attrici, b'dan ghalhekk li l-istess kera ghandha tghajjat esklussivament lill-attrici, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici tinnotifika b'kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Dipartiment, flimkien ma' wiehed mit-*televisions*, il-fajjenza u *l-washing machines;* fil-waqt li l-konvenut jiehu l-ghamara kollha li jinsabu f'dan il-fond, wiehed mit-televisions, erba' stereos, video recorder, cooker u l-fridge.

Illi dwar manteniment tal-minuri dan ma jistax jigi milqugh stante li llum l-istess minuri huma maggorenni, fil-waqt li dwar il-manteniment tal-attrici jidher li llum l-istess attrici ghad ghandha dritt ghall-manteniment, pero` jirrizulta li l-istess konvenut ma ghandu l-ebda introjtu, peress li

b'effett mill-1 ta' Mejju 2003 (nota tal-14 ta' Mejju 2003) l-konvenut qieghed fuq *sick leave* bhal hlas, u allura fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tista' tillikwida l-ebda manteniment favur l-attrici.

Illi l-hames u s-sitt talba ghandhom jigu milqugha, u dan peress li jidher li kien il-konvenut li ta' lok ghall-istess separazzjoni, u jidher li ghalkemm is-sitwazzjoni b'xi mod ma baqghetx daqshekk hazina daqs kemm kienet, xorta wahda l-istess konvenut, waqt il-kawza stess kien hati ta' mohqrija verso l-attrici, u apparti l-assenjazzjoni fuq indikata, jidher car li mhux possibbli li l-istess konjugi jiqbghu jghixu taht l-istess saqaf.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **u filwaqt li tichad it-tielet talba attrici** stante li l-istess ulied tal-kontendenti llum saru maggorenni, **tilqa' t-talbiet attrici** u dan biss fis-sens hawn premess:-

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba swat, mohqrija, eccessi, sevizzi w ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut u inkompatibbilta` tal-karattru;

(2) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data tas-sentenza, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-istess tikkonsisti fl-oggetti kollha elenkati taht it-Titolu "Assi Matrimonjali" fl-affidavit attrici a fol. 25 u 26 tal-process, inkluz il-kera tal-fond matrimonjali, u tassenja lil attrici l-kirja tal-istess fond 64, Flat 4, Triq ix-Xitwa, Qormi, bil-kera ta' Lm182 annwalment lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali lil attrici, b'dan ghalhekk li l-istess kera ghandha tghajjat esklussivament lill-attrici, (u ghal dan l-iskop tordna lil attrici, a spejjez taghha, tinnotifika b'kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Dipartiment), flimkien ma' wiehed mit-*televisions*, il-fajjenza u *l-washing machines;* filwaqt li l-

konvenut jiehu l-ghamara kollha li jinsabu f'dan il-fond, wiehed mit-*televisions*, erba' *stereos*, *video recorder*, *cooker* u l-*fridge*.

(3) Tichad din it-talba ghal kura u kustodja tal-minuri Rena Cassar sabiex tibqa' fdata f'idejn l-attrici, *stante* li llum din hija maggorenni;

(4) Tiddikjara li ghalkemm l-attrici ghandha dritt ta' manteniment, l-istess manteniment fic-cirkostanzi odjerni ma jistax jigi likwidat peress li mill-provi, u senjatament in-nota tal-14 ta' Mejju 2003, jirrizulta li attwalment il-konvenut qieghed "*on sick leave on no pay*" (Dok RS1), b'dan li jigi riservat id-dritt ta' l-attrici li fl-eventwalita` li l-konvenut ikollu xi ntrojtu u/jew xi impjieg, u c-cirkostanzi jkunu tali li d-dritt vantat mill-attrici ghall-alimenti jibqa' jissussiti skond il-ligi, l-attrici tkun tista' tagixxi gudizzjarjament ghall-pronunzjament ta' l-istess. Ma hemm ebda manteniment x'jigi deciz u ordnat rigward l-ulied stante li dawn huma lkoll maggorrenni.

(5) Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan fejn applikabbli.

(6) Tordna li l-attrici tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ghad eskluzzjoni tal-konvenut u ghal dan l-iskop tordna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-istess dar konjugali fi zmien sittin (60) gurnata millum.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut hlief ghan-notifiki fuq ordnati.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------